# IRVIN VELLA

investigatur Virtwali

## Il-Każ tal-Maħżen Mitluq

John A. Bonello

Illustrazzjonijiet ta' Lisa Falzon

merlin

# Daħla

*Il-Ħadd filgħaxija, f'maħżen mitluq …*

Żewġ taħbitiet mgħaġġlin, ħadid ma' ħadid. Pawsa qasira, imbagħad taħbita oħra. Is-sinjal miftiehem jekk ikun riesaq xi ħadd.

It-tlett irġiel waqfu milli kienu qed jagħmlu, maħsudin. Ħarsu lejn xulxin, donnhom ma jridux inizzluha li semgħu s-sinjal. Qatt qabel ma kienu ltaqgħu ma' xi intopp f'dak il-post.

Żewġ taħbitiet oħra. Pawsa. Taħbita. Kienu semgħu sew, wara kollox.

"Xi x-xjafek inqala'?" staqsa wieħed minnhom, filwaqt li mesaħ l-għaraq ta' ġbinu f'komma tpinġija ta' ħuttaf jittajjar. Ħares lejn ta' maġenbu.

“Piet, mur ara.”

Iżda ma kienx hemm għalfejn. Dak il-ħin instemgħu l-ħsejjes ta’ xi ħadd riesaq jiġri u minn bieb dejjaq fuq ġewwa tal-maħżen tfaċċa Dino, ħafi minkejja t-temp kiesaħ, nifsu maqtugħ u jqattar l-għaraq.

Waqaf quddiemhom u ltewa ’l quddiem b’idejh iserrħu fuq irkupptejh.

“Ġiex … irġiel … xjuħ … resqin … mhux flimkien,” irnexxielu jgħidilhom bejn salt nifsijiet kbar.

Dak fosthom li kien ir-ras il-kbira ħa r-riedni.

“Mexxu, imxu nistaħbew. Piet, int itfi d-dawl tal-vann. Il-bqija ħallu kollox kif inhu u tagħmlux l-iċken ħoss. Suq, warajja.”

L-erbgħa li huma ħarbu jiġru donnhom għasafar imkesksin minn qattus. Ħadhom aktar ’il ġewwa, fejn fuq wara tal-maħżen kien hemm taraġ tal-ħadid jagħti għal pjattaforma fil-għoli. Din kienet iddur dawramejt mal-erba’ ġnub tal-maħżen. Minn faxx twieqi ftit tal-metri aktar ’il fuq mill-pjattaforma, ix-xemx nieżla kienet qed titfa’ dellijiet twal mas-saqaf tal-ħadid tal-maħżen.

Tellagħhom it-taraġ sakemm sabu ruħhom fuq il-pjattaforma u sabu post tajjeb minn fejn setgħu jaraw sew il-bieb prinċipali tal-maħżen.

Wara ftit tal-ħin bdew jisimgħu t-tektika ta' passi resqin b'għaġla, passi ta' xi ħadd liebes żarbun bit-takkuna. Il-passi qorbu. Għaddew minn quddiem il-bieb tal-maħżen, u reġgħu bdew jitbiegħdu n-naħa l-oħra. Kulma raw l-erbat irġiel kien dell twil, għal ftit sekondi biss. Ħarsu lejn xulxin fin-nofs dalma li kienet bdiet taqa' hemm ġew u ħadu nifs twil. Baqgħu hemm, jistennew.

Ma damux ma bdew jisimgħu t-tieni par passi, dawn aktar qawwijin minn ta' qabilhom. Il-passi resqu eqreb, u l-istess bħal ta' qabilhom waslu quddiem il-bieb żdingat tal-maħżen, u ... Pietru għażel proprju dak il-ħin biex jagħtas.

L-oħrajn riedu joqtluh bil-ħars ikrah li tawh.

Il-ħoss tal-passi siket. L-erbat irġiel żammew in-nifs.

Dell enormi mela x-xaqq tal-bieb li kienu ħallew ftit imbexxaq wara li daħħlu l-vann fil-maħżen. Min kien, kien qed jittawwal ġewwa. Id-dell iċċaqlaq, twal mal-art tal-maħżen hekk



kif sidu fetaħ ftit aktar il-bieb, għamel pass u daħal. Pass ieħor. Minn fejn kienu mistoħbijin, raw is-sura ta' raġel xwejjaħ u goff dieħel bil-mod, jipprova ma jagħmilx ħoss. Kien donnu qed jgħarrex għal xi ħaġa.

Rawh idaħħal idu fil-but tal-qalziet, minn fejn ħareġ mowbajl, xegħlu u użah bħala torċ. Dar dawra mal-vann. Rawh jipponta d-dawl ċkejken lejn il-kaxxi u l-affarijiet tagħhom li kienu telqu nofs leħja, lejn dik il-merkanzija li tiswa eluf kbar. Rawh jissemma', imbagħad jibda jqalleb u jgerfex, idaħħal idu 'l hemm u 'l hawn.

Kien dak il-ħin li l-kap lemaħ biċċa blokka tal-injam fuq il-pjattaforma maġenbu. Qam inkiss inkiss. Ħatafha. Għollieha 'l fuq minn rasu b'idejh it-tnejn. Resaq naqra naqra sakemm wasal eżatt eżatt fuq ix-xwejjaħ kurjuż.

U xeħet l-għuda għal isfel.

# 1.

## Maryrose Marmarà

Il-Ħadd kienet saret kważi tistmerru. Speċjalment filgħaxija. Malli jaqbżu l-erbgħa ta' waranofsinhar, jaqbad jingħafsilha l-istonku. Din l-affari kien ilha sejra tliet ġimgħat u fuqhom issa, sa minn meta qabdet lil żewġha Louis f'gidba.

Ħadet belgħa te mill-kikkra li kellha quddiemha, iżda kien jismot u reġgħet poġġietu fejn kien. Wiġi kien diġà niżżel il-kafè bil-ħalib tiegħu u taħan il-biċċa qagħqa tal-għasel li kienet xtrat filgħodu wara l-quddies. Qam iqiegħed it-tazza fis-sink. Il-mossa li kien imiss kienet dratha bl-amment, qisha biċċa minn film li rat mitt darba. Film li

xi darba kien jogħġobha imma li issa umbratu għalkollox.

"Tlaqt ninħasel," qalilha hu u ħiereġ mill-kċina fi triqtu lejn il-kamra tal-banju.

Maryrose ħarset lejn l-arloġġ tal-Inter imwaħħal mal-ħajt tal-kċina. Kienu l-erbgħa u għaxra. Kien se jkun hemm biżżejjed ħin biex twettaq dak li kien ilha tippjana.

Qamet u marret sal-kuritur. Malli semgħet l-ilma tax-shower nieżel, reġgħet lura fil-kċina, qabdet it-telefown u ċemplet numru li kienet kitbet fuq biċċa karta fil-portmoni. Sid in-numru kien offrielha business card imma rrifjutatha, beżgħana li ma tmurx bi żball tħalliha tiġri xi mkien u jsibha żewġha.

B'għajnejha fuq il-bieb tal-kċina, semgħet il-ħoss tal-linja tipprova taqbad. Wara t-tielet ċempila, leħen żagħżugħ staqsa min hemm.

"Jiena, Maryrose Marmarà," wieġbet b'leħen baxx. "Daħal jinħasel issa. Fis-sitta joħroġ middar."

Min kien fuq in-naħa l-oħra tad-diskursata qal xi ħaġa.

"OK tajjeb. Grazzi," qalet Maryrose, u qatgħet.

Għal ħin twil baqgħet qisha statwa quddiem it-telefown, tiċċassa lejn parti vojta tal-ħajt abjad tal-kċina.

Kienet għamlet sew? Kienet għamlet ħażin?

Ħasbet li se tħossha aħjar, imma fil-verità issa ħassitha ansjuża aktar minn qabel, dejjem jekk kien possibbli.

Il-ħoss tal-bieb tal-kamra tal-banju jinfetaħ ġabha mill-ġdid f'sensiha. Daret b'ħeffa lejn is-sink, fetħet il-vit tal-ilma, qabdet l-isponża tal-platti, u bdiet taħsel it-tazza li kien xeħet żewġha u xi żewġ bċejjeċ oħra li kienu ilhom hemm minn nofsinhar.

Wiġi daħal isaffar fil-kċina, liebes il-ħwejjeġ ta' taħt.

"Tagħmilli belgħa kafè oħra, Marì?" staqsieha minn ħdejn il-bieb. "Għax kieku mmur inbiddel sadattant."

"Bil-ħalib bħall-ewwel?" staqsietu mingħajr ma daret.

"Iwa 'k jogħġbok. M'hemmx għalfejn taħsibli għal ikel illejla, issa nieħu xi ħaġa mill-klabb."

Meta telaq, daret u qabbdet il-kitla. Refgħet il-kikkra tat-te tagħha u bdiet tixrob bil-mod, filwaqt li demgħa ċkejkna żżerżqitilha minn xifer għajnejha.